

Brussell, 14 ta' Ġunju 2016
(OR. en)

9325/16

ECOFIN 485
UEM 227

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tabroga d-Deċiżjoni 2010/401/KE dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv f'Ċipru

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/...

ta' ...

**li tabroga d-Deċiżjoni 2010/401/KE
dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv f'Ċipru**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Lulju 2010, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/401/UE¹ abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, il-Kunsill iddeċieda, skont l-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li f'Ċipru kien jeżisti defiċit eċċessiv. Il-Kunsill innota li, skont id-data nnotifikata mill-awtoritajiet Ċiprijotti f'April 2010, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika f'Ċipru kien jilħaq is-6,1 % tal-PDG fl-2009, li kien ogħla mill-valur referenzjarju tal-PDG skont it-Trattat ta' 3 % tal-PDG. Id-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika kien ippjanat li jilħaq it-62 % tal-PDG fl-2010, li kien għola mill-valur referenzjarju tal-PDG skont it-Trattat ta' 60 % tal-PDG.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97², il-Kunsill, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, indirizza rakkomandazzjoni lil Ċipru bl-għan li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern tinġieb fi tmiemha sal-2012. Dik ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ġiet ippubblikata.
- (3) Fis-27 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-informazzjoni disponibbli f'dak iż-żmien, Ċipru kienet ħadet azzjoni li tirrappreżenta progress adegwat lejn il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-Kunsill. Fil-11 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni reġgħet ikkonfermat li Ċipru kienet ħadet azzjoni effettiva biex tikkoreġi b'mod sostenibbli u f'waqtu d-defiċit eċċessiv.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/401/UE tat-13 ta' Lulju 2010 dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv f'Ċipru (ĠU L 186, 20.7.2010, p. 30).

² Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

- (4) L-awtoritajiet Ċiprijotti talbu għal assistenza finanzjarja mill-Unjoni, mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) bl-għan li jiġi appoġġat ir-ritorn tal-ekonomija ta' Ċipru lejn it-tkabbir sostenibbli. Fil-25 ta' April 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/236/UE³ indirizzata lil Ċipru, dwar miżuri speċifiċi għal Ċipru biex terġa' lura għal stabbiltà finanzjarja u tkabbir sostenibbli. B'mod parallel, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) ta' faċilità ta' assistenza finanzjarja lil Ċipru. F'dak il-kuntest, fis-26 ta' April 2013 l-awtoritajiet Ċiprijotti u l-Kummissjoni, li taġixxi fisem il-MES, iffirmaw Memorandum ta' Qbil dwar il-Kondizzjonijiet Speċifiċi ta' Politika Ekonomika.
- (5) Fis-16 ta' Mejju 2013, f'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, il-Kunsill ikkonkluda li Ċipru kienet ħadet azzjoni effettiva iżda li, wara li kienet ġiet adottata r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2010, seħħew żviluppi ekonomiċi negattivi mhux mistennija li kellhom konsegwenzi żvantaġġużi kbar fuq il-finanzi pubbliċi. Għaldaqstant, il-Kunsill, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, qies li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 ġew issodisfati u adotta rakkomandazzjoni ġdida indirizzata lil Ċipru skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE, bl-għan li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tinġieb fi tmiemha sal-2016.

³ Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/236/UE tal-25 ta' April 2013 indirizzata lil Ċipru dwar miżuri speċifiċi għall-kisba mill-ġdid ta' stabbiltà finanzjarja u tkabbir sostenibbli (ĠU L 141, 28.5.2013, p. 32).

- (6) Fis-6 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni kkonkludiet li Ċipru kienet ħadet azzjoni effettiva biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv sal-2016, kif kien irrakkomandat mill-Kunsill fis-16 ta' Mejju 2013.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 10(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, Ċipru kienet eżenti minn rekwiżit ta' rappurtar separat skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv u minflok irrapportat fil-qafas tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku tagħha.
- (8) F'Marzu 2016, Ċipru ħarġet mill-programm ta' aġġustament ekonomiku ta' tliet snin tagħha li kien jinkludi l-implimentazzjoni ta' aġenda ta' riforma ambizzjuża u kkontribwiet biex tiżgura stabbiltà finanzjarja, ittejjeb il-finanzi pubbliċi u jerġa' jkun hemm tkabbir ekonomiku sostenibbli.
- (9) Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll (Nru 12) dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, il-Kummissjoni tipprovdi d-data għall-implimentazzjoni ta' din il-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni ta' dak il-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw data dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern tagħhom kif ukoll dwar varjabbli assoċjati oħra darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta' April u qabel l-1 ta' Ottubru, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009⁵.

⁴ Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1).

⁵ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1).

- (10) Il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni biex tiġi abroga deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fuq il-bażi tad-data notifikata. Barra minn hekk, deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha tiġi abrogata biss jekk it-tbassir tal-Kummissjoni jindika li d-defiċit ma jkunx se jaqbeż il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat, tul il-perjodu ta' tbassir⁶.
- (11) Abbażi tad-data pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009, wara n-notifika minn Ċipru f'April 2016, u abbażi tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 u t-tbassir tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:
- Fl-2015, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ammonta għal 1 % tal-PDG, biex id-defiċit jinġieb taħt il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG, sena qabel id-data ta' skadenza stabbilita mill-Kunsill. Dan it-titjib kien xprunat minn sforzi ta' konsolidazzjoni fiskali u t-tnaqqis gradwali tal-impatt, ta' darba biss, tal-miżuri għall-istabilizzazzjoni tas-settur finanzjarju fuq id-defiċit tal-2014.
 - Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016, ippreżentat mill-gvern Ċiprijott fit-13 ta' Mejju 2016, jippjana defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ta' 0,4 % tal-PDG fl-2016 u ta' 0,5 % tal-PDG fl-2017. It-tbassir tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni jipprevedi bilanċ nominali ta' -0,4 % tal-PDG fl-2016, u ta' 0 % tal-PDG fl-2017 taħt politiki mhux mibdula. Għaldaqstant, id-defiċit huwa mistenni li jibqa' taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG stabbilit mit-Trattati matul il-perjodu ta' tbassir.

⁶ F'konformità ma' "Specifications on the implementation of the Stability and Growth Pact and Guidelines on the format and content of Stability and Convergence Programmes" tat-3 ta' Settembru 2012. Ara:
http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sgp/pdf/coc/code_of_conduct_en.pdf

- Il-Kummissjoni tistma li l-bilanċ strutturali, li hu l-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika aġġustat għaċ-ċiklu ekonomiku u nett ta' miżuri ta' darba u miżuri oħrajn temporanji, tjiieb b'6,6 % tal-PDG matul il-perjodu mill-2013 sal-2015.
 - Il-proporzjon tad-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG żdied għal 108,9 % fl-2015 minn 102,5 % fl-2013 minħabba l-appoġġ pubbliku li ngħata lis-settur finanzjarju u t-tnaqqis tal-PDG nominali. It-tbassir tar-rebbiegħa tal-2016 tal-Kummissjoni jipprevedi li d-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika jibqa' stabbli fl-2016 u jinżel għal 105,4 % tal-PDG fl-2017, l-iktar minħabba żieda fil-PDG nominali.
- (12) Mill-2016, li hija s-sena ta' wara dik li fiha saret il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, Ċipru hija soġġetta għall-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u għandha tiżgura konformità mal-oġġettiv ta' terminu medju tagħha, inkluż billi tirrispetta l-valur referenzjarju tal-infiq, u tagħmel biżżejjed progress biex tikkonforma mal-kriterju tad-dejn skont l-Artikolu 2(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97. F'dak il-kuntest, jidher li Ċipru hija mistennija tikkonforma mal-oġġettiv ta' terminu medju tagħha fl-2016 filwaqt li hija mistennija ftit devjazzjoni fl-2017. Il-bilanċ strutturali ta' Ċipru huwa mbassar li jiddeterjora aktar minn dak li huwa permess skont ir-regola tranżitorja tad-dejn. Se jkun hemm bżonn ta' miżuri ulterjuri fl-2017.

- (13) Skont l-Artikolu 126(12) tat-TFUE, Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha tiġi abrogata meta, fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat ikun ġie kkoreġut.
- (14) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv f'Ċipru ġie kkoreġut, u għaldaqstant id-Deċiżjoni 2010/401/UE għandha tiġi abrogata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Minn din l-evalwazzjoni ġenerali, jista' jiġi konkluż li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv f'Ċipru ġiet ikkoreġuta.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2010/401/UE hija abrogata.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
